32003D0168

L 67/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 12.3.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## ta' l-11 ta' Marzu 2003
## li tistabilixxi l-Bord ta' l-Energy Star tal-Komunità Ewropea

(2003/168/KE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar programm Komnunitarju tal-għoti tat-tikketti għall-effiċjenza fl-enerġija lit-tagħmir ta' l-uffiċċji (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 2422/2001, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi Bord ta' l-*Energy Star* tal-Komunità Ewropea (minn issa' l quddiem riferit bħala l-"*ECESB*") sabiex iwettaq il-programm *Energy Star* tal-Komunità Ewropea, kif iddefinit fil-Ftehim bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kordinament tal-programmi tal-għoti tat-tikketti għall-enerġija effiċjenti lit-tagħmir ta' l-uffiċċji (2)

(2) L-*ECESB* għandu jikkonsisti mir-rappreżentanti nazzjonali, kif definiti bir-Regolament (KE) Nru 2422/2001 u mill-partijiet interessati elenkati fuq bażi indikattiv f'dan ir-Regolament,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Huwa hawnhekk stabbilit il-Bord ta' l-*Energy Star* tal-Komunità Ewropea "*ECESB*".

*L-Artikolu 2*

1. Is-Sedja ta' l-*ECESB* għandha tinżamm mill-Kummissjoni, irrappreżentata mid-Direttorat Ġenerali ta' l-Enerġija u t-Trasport.

2. Il-lista indikattiva tar-rappreżentanti nazzjonali riferita fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2422/2002 għandha tiġi ddikjarata fil-Parti A ta' l-Anness.

Meta jiġi nnominat iktar minn rappreżentant nazzjonali wieħed, il- "koordinatur" għandu jkun ir-rappreżentant mogħti s-setgħa mill-Istati Membri kif indikat fl-Anness.

3. Il-lista indikattiva tal-Partijiet interessati riferita fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 2422/2002 għandha tiġi ddikjarata fil-Parti B ta' l-Anness.

4. Sabiex tiġi żurata l-parteċipazzjoni tal-Partijiet kollha interessati rigward kull grupp ta' prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċji, is-Sedja tista' taddatta s-sħubija tal-Partijiet interessati kif approprjat.

*L-Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Loyola DE PALACIO

*Viċi-President*

(1) ĠU L 332, ta' l-15.12.2001, p. 1.
(2) ĠU L 172, tas-26.6.2001, p. 3.

*L-ANNESS*

**IL-LISTA INDIKATTIVA TAL-MEMBRI TA' L-*ECESB***

PARTI A

**Ir-Rappreżentanti nazzjonli**

| | | |
|---|---|---|
| A | L-Abteilung IV/3 Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit | Is-Sur Matthias BRUNNER Dipl.-Ing. (Koordinatur) |
| | L-*EVA* - L-Aġenzija Awstrijaka ta' l-Enerġija | Is-Sur Herbert RITTER |
| B | L-Administration de l'Energie du Ministère des Affaires Economiques; Division Gaz-Electricité | Is-Sur Luc MICHIELS |
| DK | L-Aġenzija Daniża ta' l-Enerġija | Is-Sinjura Anette GYDESEN |
| FIN | Il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija | *Ms* Veera PEDERSEN (Kordinatriċi) |
| | Il-Motiva Oy | Is-Sur Heikki HÄRKÖNEN |
| F | Il-MINEFFI/DGEMP — Télédoc 161 | Is-Sra Evelyne BISSON (Koordinatriċi) |
| | L-Ademe — Centre de Sophia Antipolis | Is-Sur Alain ANGLADE |
| D | Il-Bundesministerium für Wirtschaft und Technologie | Dr Wolfgang WAGNER (Koordinatur) |
| | Id-Deutsche Energie-Agentur | Dr Christiane DUDDA |
| EL | Il-Ministeru ta' l-Iżvilupp | Is-Sur Dimitrios NOMIDIS (Koordinatur) |
| | Il-Ministeru ta' l-Iżvilupp | Is-Sur Dimitrios NOMIDIS (Koordinatur) |
| IRL | L-Engerġija Sostenibbli ta' l-Irlanda | Is-Sur Tom HALPIN |
| | L-Engerġija Sostenibbli ta' l-Irlanda | Is-Sra Antonia SHIELDS |
| I | Is-Segreteria Tecnica della DGERM, Ministerio delle Attività Produttive | Is-Sur Dario CHELLO (Koordinatur) |
| | L-ENEA Ispra | Is-Sra Milena PRESUTTO |
| L | Is-Service de l'énergie de l'État – | Is-Sur Jean-Paul HOFFMAN |
| P | Id-Direcção Geral da Energia | Is-Sur Renato ROMANO |
| E | Is-Subdirección General de Planificación Energetica | Is-Sur Angel CHAMERO FERRER |
| S | L-Amministrazzjoni Nazzjonali Svediża ta' l-Enerġija | Is-Sra Kristina BEIERTZ |
| NL | In-NOVEM | Id-*Drs. Ir.* Hans-Paul SIDERIUS |
| UK | Id-Dipartiment ta' l-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali Żona 6D/11, Ashdown House | Is-Sur Chris BAKER (Koordinatur) |
| | *ITS Research & Training Centre* (iċ-Ċentru *ITS* tar-Riċerka u t-Testijiet) | Is-Sur Bob HARRISON |
| | Il-*BRE Ltd* | Is-Sra Monika MUNZINGER |

IL-PARTI B

**Il-partijiet interessati**

*Il-fabbrikanti*

L-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tagħrif, il-Komunikazzjonijiet u l-Konsumaturi ta' l-Industrija tat-Teknoloġija Elettronika (*EICTA*)

*Il-bejjiegħa bl-imnut*

L-Eurocommerce

*Il-gruppi tal-protezzjoni ambjentali*

Il-*WWF*

*L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi*

L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi (*BEUC*)